MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2171/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Nidal Binni sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Nidal Binni u b'nota tat-8 ta' Mejju, 2003 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti kollha tal-kawza minflok is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc**

**vs**

**Alfred Attard Stellini**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fid-9 ta' Settembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm332.50) danni kangunati f'incident awtomobilistiku**

**tat-30 ta' Marzu, 2001 fi Triq M.A. Vassalli, San Giljan (Regional Road) bejn il-vettura bin-numru KAL 958 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru IBB 037 misjuqa minn u propjeta' ta' l-attur Nidal Binni, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) 'excess' imhallsa mill-attur Nidal Binni, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz tat-talba, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta' Settembru, 2002 fejn intqal illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti s-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Nidal Binni, Joanne Binni, Alfred Attard Stellini. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob danni ghall-kollizzjoni li allegatament sehhet fit-30 ta' Marzu, 2001 fi Triq M.A. Vassalli, San Giljan (Regional Road) liema kollizzjoni l-attur ighid li sehhet mal-konvenut. Il-konvenut jichad li kien involut f'xi kollizzjoni.**
**2. L-attur kien qed isuq il-vettura IBB 037 ghal habta tat-3:00p.m. u kienet xita hafifa meta habtet fih il-vettura KAL 958.**

**3. L-attur kien gej mid-direzzjoni tal-Kappara sejjer fid-direzzjoni tal-Hamrun miexi fil-karreggjata n-naha tax-xellug u kellu lill-martu mieghu. Skond l-attur f'mument minnhom il-konvenut dahal fih minn wara. L-attur jiddeskrivi li habat fih bhala ragel ta' sitta u tletin sena (36) u fl-istess sens xehdet Joanne Binni.**

**4. Kienet Joanne Binni li mliet il-formola tal-*front to rear* Dok JB 1 li pero' ma gietx iffirmata mis-sewwieqa. Ix-xhud qalet illi l-konvenut kellu nuccali.**

**5. Fil-formola nizlu dawn il-partikolaritajiet dwar il-vettura li habtet ma' l-attur coie' li kellha numru tar-registrazzjoni KAL 958 tal-ghamla Escort u li isem is-sid tal-vettura u sewwieq kien Alfred Attard Stellini ta' Block 1, Flat 2, Qasam tad-Djar, Bahar ic-Caghaq li kellu n-numru tat-telephone (imhassar) 372958 u li n-numru tal-licenzja tas-sewqan kienet 239426 valida mis-27 ta' Lulju, 1999 sas-7 ta' Gunju 2009.**

**6. Skond il-konvenut hu ma habatx ma' l-attur, ma meliex il-formola u lanqas ma ta particulars. Hu jghid li ma joqghodx fi Block 1, Flat 2, Qasam tad-Djar, Bahar ic-Caghaq, izda joqghod fi Block 1, Flat 2, Qasam tad-Djar, San Patrizju, Pembroke u li numru tat-telephone tieghu kien 389757 u illi l-licenzja tas-sewqan tieghu ggib in-numru 239426 valida ghal perjodu riferit.**

**7. Tenut kont ta' dak li ntqal, huwa minnu illi n-nuqqas ta' firma fuq il-*front to rear* hi mankanza serja da parti taz-zewg partijiet, pero' dwar l-identita' tas-sewwieq li habat ma' l-attur jirrizulta illi l-informazzjoni ttiehdet minn Joanne Binni minn dokument ufficjali. In-numru tal-licenzja fil-fatt jaqbel u jezistu wisq kombinazzjonijiet illi kollha jindikaw li fil-fatt is-sewwieq tal-vettura li habtet ma' l-attur kien il-konvenut.**

**8. Ma hemmx dubbju illi ghall-incident ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut minhabba li ma kienx attent waqt is-sewqan.**

**9. Dwar id-danni dawna jirrizultaw mis-survey Dok B kif ukoll mill-kontijiet Dok C1 ghall-labour, spray u rust proofing, Dok C 3 ghall-parts u Dok C 2 ghal kera tal-karozza u dana fl-ammont mitlub. Jirrizulta illi l-attur kien assikurat comprehensive mas-socjeta'**

**attrici u hu kien hallas biss hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) excess u filwaqt li l-assikurazzjoni hallsitlu l-kumplament.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u seba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm307.50c) u lil-attur Nidal Binni hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00). Bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru millum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz tat-talba, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------